**QORTI TAL-MAĠISTRATI - MALTA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru 297/2023 LC

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Brian Zammit (K.I. 0425975M)**

Illum, 11 ta’ Marzu 2024

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-soċjetà Ballut Blocks Services Limited fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat:

> Iħallas l-ammont ta’ erbatax-il elf erba’ mija tnejn u sebgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€14,472.11) rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ servizzi u materjal ta’ bini li jinkludu ramel u *concrete* mibjugħa u kkonsenjati lilek bl-ingrossa mis-soċjetà rikorrenti fuq il-kont kurrenti tiegħek stress, kif ukoll kera dovuta għall-kiri ta; *concrete pump*, fuq l-istess kont kurrenti tiegħek, u dan skont ma jirriżulta mill-istatement hawn anness (Dok. ‘BBS 1’).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tas-sekwestru kawtelatorju kontestwalment ippreżentat ma' dan ir-rikors u bl-imgħax legali mill-14 ta' Frar 2022 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li hu minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Ikkonsidrat;

Illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2024, l-intimat deher quddiem din il-Qorti u bil-ġurament tiegħu ammetta t-talba dedotta kontra tiegħu.

Illi ġie dikjarat mid-difensur tas-soċjetà rikorrenti illi l-kontendenti ftehmu illi l-intimat se jigi ttollerat iħallas is-sorte u l-ispejjeż ġudizzjarji permezz ta' serje ta' pagamenti ta' €500 fix-xahar b'mod konsekuttiv u bl-ewwel pagament sar fit-12 ta' Frar, 2024. Iddikjara illi kemm-il darba s-sorte u l-ispejjeż ġudizzjarji jitħallsu fi żmien sentejn minn dakinhar tal-14 ta' Frar 2024, is-soċjetà rikorrenti se taħfer l-imgħax iżda jekk il-pagamenti ma jsirux skond dak pattwit bejniethom, l-intimat jitlef il-benefiċċju tat-terminu l-imgħax jerġa' jiġi ri-integrat.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ammissjoni tal-intimat, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 693 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola illi:

> *"**693**. Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*

Illi di più, ġie ritenut fis-sentenza: **Bonnici nomine v. Ronald Farrugia et**:[1]

> *"Skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija r-regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq."*

Illi b'hekk, fid-dawl ta' dak appena espost, il-Qorti ma tarax lok li tinoltra fuq il-mertu tal-kawża aktar milli tistrieħ fuq l-ammissjoni tal-intimat, kif mogħtija bil-ġurament, fl-atti tal-preżenti proċeduri.

Illi di più, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ u tabbraċċja d-dikjarazzjoni tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-imgħax u tal-modalità tal-pagament kif diġà mifthiema bejn il-partijiet.

Deċide:

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma komplessiva ta' €14,472.11 bl-imgħax bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi dekorribbli mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza b'dan illi:

- l-modalità tal-pagament għandu jkun f'rati mensili mifruxa fuq 24 xahar dekorribbli mit-12 ta' Frar 2024;

- l-imgħax hawn mogħti għandu jkun sospiż kemm-il darba l-intimat jottempora ruħu mal-pagamenti mensili hawn imsemmija;

[1] **Bonnici nomine v. Ronald Farrugia et**, Qorti tal-Appell, 26 ta' Ottubru, 1970

fl-eventwalità li l-intimat jaqbeż pagament kif hawn imsemmi, il-bilanċ rimanenti jsir dovut kollu f'salt bl-imgħax dekoribbli fuq il-bilanċ rimanenti kkalkolat mid-data ta' din is-sentenża.

Bl-ispejjeż tal-preżenti jkunu a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**